MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 888/2004

**Elmo Insurance Agency Limited, bhala rappresentanti tas-socjeta' estera Royal & Sun Alliance Insurance plc,**
**surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Miller Distributors Limited u l-istess Miller Distributors Limited**
**u b'nota tas-6 ta' Mejju, 2004 is-socjeta' Elmo Insurance**
**Limited assumiet l-atti**

**Vs**

**Ludwig Dimech**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm1,015.42c (elf u hmistax-il lira Maltin u tnejn u erbghin centezmu) rapprezentanti r-risarciment ta' danni kkagunati mill-konvenut in segwitu ghall-incident

awtomobilistiku li gara Luqa fid-19 ta' Gunju, 2002 meta waqt li l-konvenut kien qed isuq vettura numru AAI 635 habat mal-vettura numru FBH 281, proprjeta' tas-socjeta' attrici Miller Distributors Limited u misjuqa minn Francis Sammut, ghal liema ncident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba mprudenza, mperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez tal-kawza u bl-imghax legali b'effett mid-data tal-prezentata ta' l-Avviz tat-talba sad-data ta' l-effettiv pagament.

Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema' lil Dr Joseph Zammit McKeon jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------